**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 22**

9 ta' Diċembru 2025

It-tnejn u għoxrin (22) seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 9 ta' Diċembru 2025 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Justine Vella Palmier | ( JVP ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Dale Cachia | ( DC ) | Kunsillier |

ASSENTI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 22.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

22.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 22.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

22.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tal-wieħed u għoxrin (21) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

22.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera JVP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, JVP, NH, SSH, DC)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 22.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

22.3.1. Is-Sindku NH ressaq korrispondenza mingħand Transport Malta fejn talbu permess biex itellgħu trakk quddiem il-monument tal-Indipendenza, għal perjodu ta' erbat ijiem. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li t-trakk ma jgħattix il-monument u li jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex jiġi salvagwardat il-paviment.

22.3.2. Is-Sindku NH ressaq korrispondenza mingħand l-amministraturi tal-iskema ta' finanzjament komunitajiet iktar b'saħħithom u ta' kwalità li nformaw li l-applikazzjoni tal-kunsill biex isir id-dawl ta' Ġnien Preziosi ġiet milqugħa.

22.3.2.1. Is-Sindku staqsa jekk id-dawl tat-triq tal-bandli hux qed ikun mitfi. Is-SE spjega li l-kuntrattur kien ġab electrician biex jirranġa naħa minnhom u li għandu jerġa' jiġi sabiex jirranġa n-naħa l-oħra. Is-Sindku talab li l-Kunsill jara li jieħu ħsieb jikkomunika hu mal-electrician.

22.3.3. Is-Sindku NH ressaq talba mingħand l-operatur tal-gabbana biex jestendi iż-żona tal-kċina tal-gabbana.

22.3.3.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi ġibed l-attenzjoni għall-imbarazz li jidher fir-ritratt ħdejn il-kiosk u talab li l-Kunsill jara li dan ifittex jitneħħa.

22.3.3.2. Wara li ddiskuta u kkunsidra l-mod kif ħarġet is-sejħa għall-offerti, il-Kunsill ma qabilx li għandu jilqa' t-talba minħabba li l-estensjoni toħroġ 'il barra miż-żona li jista' jopera fiha skont l-istess kuntratt.

22.3.4. Is-Sindku għamel riferenza għal-laqgħa li kellu mal-kuratur ta' Ġnien l-Argotti fejn kienu tressqu żewġ proposti. Huwa qal li kienu ser jorganizzaw xi korsijiet u kienu qed joffru prezz ridott għar-residenti Furjaniżi. Huma informaw ukoll bi proġett li kienu qed jagħmlu fuq l-istorja tal-ġnien u kienu qed jipproponu li dan il-proġett isir b'mod konġunt fejn l-ispiża kienet tinvolvi erbgħin siegħa ta' intervisti bir-rata ta' €10 is-siegħa. Il-Kunsill laqa' l-proposti.

22.3.5. Is-Sindku informa li s-segretarju tas-sottokumitat għall-indafa pubblika kien ressaq proposta biex isiru xi stickers fuq il-konteni turi tal-iskart biex tinżamm l-indafa, kif ukoll li wħud mill-konteni turi jinbidlu minħabba li ma kienux f'kundizzjoni tajba. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jara li l-konteni turi jinbidlu u li jitwaħħlu stickers hekk kif kien ġie ssuġġerit.

22.3.6. Is-Sindku ressaq korrispondenza rigward il-possibbiltà ta' fondi mill-Unjoni Ewropea u ippropona li l-Kunsill jieħu ħsieb jesplora mal-SEM kif jistgħu jinġiebu fondi Ewropej kif ukoll jara x'opportunitajiet hemm. Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera JVP tieħu din il-materja f'idejha.

## 22.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

22.4.1. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm tweġiba rigward it-talba għal laqgħa mal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta. Is-SE qal li sa dakinhar ma kienx għad hemm risposta. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat tfakkira.

22.4.2. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm żvilupp rigward ir-rampa taż-żebra crossing fi Triq Vincenzo Dimech. Is-SE spjega d-diffikultajiet li hemm f'dan ir-rigward. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-Perit sabiex flimkien imorru fuq is-sit biex b'hekk tkun tista' tinstab soluzzjoni.

22.4.3. Il-Viċi Sindku JAE talab li terġa' ssir iż-żebgħa mill-ġdid ta' xi zebra crossings madwar il-lokalità. Is-SE qal li kien talab kwotazzjonijiet u qed jiġu evalwati.

22.4.4. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq it-toroq Triq Vincenzo Bugeja u Triq Pietro Floriani.

22.4.4.1. Is-SE wieġeb li kien irċieva korrispondenza li x-xogħol f'dawn it-toroq għandu jinbeda fit-2 ta' Diċembru.

22.4.4.2. Il-Kunsilliera SSH qalet li dakinhar filgħodu kienet rathom iwaħħlu t-tabelli.

22.4.4.3. Is-SE informa li kien bagħat tfakkira fuq il-lista kollha tat-toroq li l-Kunsill kien ippropona lill-Infrastructure Malta.

22.4.4.4. Il-Viċi Sindku JAE qal li l-Kunsill għandu jinsisti li jkun hemm komunikazzjoni effettiva ħalli jitnaqqas kemm jista' jkun l-inkonvenjent.

22.4.5. Il-Kunsilliera JVP staqsiet x'jista' jsir dwar l-ispralli minħabba li sfortunatament ma kienx irnexxielha tasal mal-entitajiet li ikkuntattjat.

22.4.5.1. Is-SE qal li l-Kunsill ma tantx seta' jagħmel wisq ġaladarba d-Dipartiment tal-Artijiet u dak tal-Housing ma kienux qed jagħtu l-informazzjoni dwar min huma s-sidien.

22.4.5.2. Il-Kunsill iddiskuta n-nuqqas kbir t'infurzar li jeżisti u l-bżonn kbir tal-involviment tal-awtoritajiet.

22.4.5.3. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa mal-Avukat tal-Kunsill sabiex jara' x'jista' jsir legalment.

22.4.6. Il-Kunsillier DC għamel riferenza għall-mera li hemm fi Triq Sant'Anna li kienet mingħajr ħġieġa. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jordna mera.

22.4.7. Il-Kunsillier DC semma mera oħra fi Triq is-Suq kantuniera ma' Triq l-Isqof Mauro Caruana. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jirranġaha.

22.4.8. Il-Kunsillier DC għamel riferenza għall-attivitajiet tal-Milied u ta aġġornament żgħir:

- 16 ta' Diċembru 2025 17:00-18:00: Choir u caroling fid-Dar tal-Anzjani
- 19 ta' Diċembru 2025 18:00-20:00: ferrovija madwar il-lokalità bis-sehem tal-banda, u li fuqha jistgħu jirkbu wkoll it-tfal
- 23 ta' Diċembru 2025: purċissjoni ta' Ġesù Bambin fit-toroq tal-lokalità bis-sehem tal-banda
- 2 ta' Jannar 2026 10:00-12:00: festin għall-anzjani

22.4.8.1. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel poster b'dawn l-attivitajiet sabiex ikun jista' jiġi ppubblikat u ċirkolat għall-attenzjoni tar-residenti.

22.4.8.2. Il-Kunsillier DC informa li sal-aħħar ta' dik il-ġimgħa kienet ser tintrama l-aħħar parti tal-loġoġ. Il-Kunsill innota dan.

22.4.9. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm żvilupp rigward is-siġra li hemm fil-bitħa tal-Housing Estate. Is-SE qal li din kienet yukka u qal li għandu jitkellem mal-kuntrattur iżda ġibed l-attenzjoni li l-btieħi u l-passaġġi tal-housing estates kienu esklużi mir-responsabbiltajiet tal-Kunsill.

## 22.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI

22.5.1. Ma kienx hemm rapporti ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

**Nota: 17:57 Is-Sindku NH talab li jkun skużat.**
**17:57 Il-Viċi Sindku JAE ippreseda l-laqgħa.**

## 22.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI SKEDA TA' PAGAMENTI

22.6.1. Il-Viċi Sindku JAE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 18/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

22.6.2. Is-SE qal li mal-iskeda kien qed jipproponi pagament ieħor li huwa depożitu lill-Alberta ta €2099.93 fir-rigward ta' kameras tas-sigurtà.

22.6.3. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-pagament dovut lis-Soċjetà Filarmonika Vilhena fejn kienu daqqew għall-programm ta' Bonġu Malta. Hija qalet li filwaqt li ma kellha xejn kontra l-banda, ma kienx ġust li l-ispiża ġiet assorbita mill-Kunsill ġaladarba f'lokalitajiet oħra, il-banda ma tħallsitx mill-kunsilli lokali rispettivi.

**Nota: 18:00 Is-Sindku reġa' attenda għal-laqgħa.**

22.6.4. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-pagamenti lil Bolt Malta li hemm fl-iskeda. Hija qalet li kien hemm ksur ta' liġi minħabba li dawn l-ispejjeż suppost jiġu koperti mill-allowance li titħallas lill-kunsillieri.

22.6.4.1. Il-Kunsillier DC għamel riferenza għall-Kapitlu 318 fejn il-liġi tgħid li ma jistax isir rimbors ta' spejjeż magħmula.

22.6.4.2. Is-Sindku NH qal li l-liġi kienet vaga u li kien hemm modi diversi kif wieħed jinterpreta il-kelma spejjeż. Huwa irribatta li anke l-presidenti tar-reġjun huma offruti t-trasport. Żied jgħid ukoll li hemm postijiet fejn ma jkunx jista' jmur b'tal-linja, kif ukoll li jekk ma jagħmilx użu minn tali trasport, żgur li ma jkunx jista' jattendi għal kull laqgħa jew invit li jkollu. Huwa qal li ħafna mill-kunsillieri ma jattendu għall-ebda invit u għalhekk ikollu jmur dejjem hu biex jirrappreżenta l-Kunsill. Għalaq billi qal li minkejja dan kollu, hu dejjem jipprova jagħmel użu mis-servizz tat-trasport pubbliku meta jkun possibbli.

22.6.4.3. Id-diskussjoni tkompliet sakemm is-Sindku NH talab lis-SE biex jagħmel mistoqsija diretta lid-Direttur tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

22.6.5. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera JVP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti. L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata b'mod unanimu ħlief għall-pagamenti numri 11, 12 u 13 dovuti lill-Bolt Malta li għalihom oġġezzjonaw il-Kunsilliera SSH u l-Kunsillier DC.

## 22.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PERFORMANCE APPRAISALS TAL-IMPJEGATI

22.7.1. Is-SE fetaħ il-materja billi qal x'rati kien qed jipproponi għall-performance bonuses tal-impjegati. Huwa qal li kwalunkwe problemi ma' kwalunkwe impjegat ikunu ġew trattati matul is-sena.

22.7.2. Is-Sindku qal li hu kien ġibed l-attenzjoni ta' xi impjegati fuq il-ħinijiet u xi affarijiet oħra u jidher li l-affarijiet kienu ġew irranġati.

22.7.3. Għalhekk il-Kunsill qabel b'mod unanimu mar-rati proposti mis-SE għall-performance appraisals tal-impjegati.

## 22.8 FESTIVAL TAN-NAR TAL-ART

22.8.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li kien qed jisma' xi xniegħat dwar l-edizzjoni li jmiss tal-festival u qal li kien ikkuntattja lill-president tal-Għaqda Piroteknika.

22.8.2. Is-Sindku informa lill-Kunsill li għandha tinżamm laqgħa mal-Għaqda Piroteknika nhar is-16 ta' Diċembru ħalli tkun tista' tiġi diskussa din il-materja u tkun tista' tittieħed deċiżjoni finali.

22.8.3. Il-Viċi Sindku JAE qal li l-Kunsill għandu jinsisti mal-Awtorità tat-Turiżmu fuq reklamar aħjar għal din l-attività li jkun fuq l-istess skala bħal dak tal-festival tan-nar tal-ajru. Il-Kunsill qabel.

## 22.9 TALBA MINN MSPCA GĦALL-UŻU TA' ĠNIEN DANTE

22.9.1. Is-Sindku qal li kien iltaqa' ma' rappreżentanti tal-MSPCA rigward it-talba tagħhom għall-użu ta' Ġnien Dante. Huwa qal li matul din il-laqgħa kien ġie propost biex il-fencing li hemm jiġi irtirat lura u jitgħatta b'xi xtieli jew pjanti.

22.9.2. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li m'għandux oġġezzjoni għall-użu bil-kundizzjoni li ma tingħalaq l-ebda parti u dan mingħajr preġudizzju. Fir-rigward tad-deċiżjoni preċedenti tal-Kunsill li din il-parti tingħalaq, il-Kunsill qabel li tali deċiżjoni tiġi revokata.

**<u>Nota: 18:32 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.</u>**
**<u>18:33 Il-Kunsilliera SSH reġgħet irritornat għal-laqgħa.</u>**

## 22.10 POSTIJIET RISERVATI GĦAL BLUE BADGE HOLDERS MHUX RESIDENZJALI

22.10.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li m jistax jifhem kif kien ġie approvat spazju ta' parkeġġ personalizzat għall-persuna b'diżabilità li ma tgħix fil-lokalità.

22.10.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jinforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokal b'dan l-abbuż u jitlob li dan l-ispazju jitneħħa minnufih.

## 22.11 UN/LOADING BAY TRIQ IL-KONSERVATORJU

22.11.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kien hemm talba biex issir un/loding bay fi Triq il-Konservatorju fejn il-banka tal-lottu u li tkun tista' tintuża wkoll mill-ħanut tal-pastizzi u tal-madwar.

22.11.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel fil-prinċipju u qabel li għandu jara magħhom x'ħinijiet kienu qed jissuġġerixxu.

22.11.3. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk l-ispazju ta' parkeġġ għal blue badge holders li hemm fi Triq il-Konservatorju kienx personalizzat. Is-SE qal li dan kien komunali.

22.11.3.1. Il-Kunsilliera JP talbet li ż-żebgħa tiġi rinfreskata sabiex ma jibqax ikun hemm konfużjoni. Il-Kunsill qabel.

## 22.12 BICYCLE RACKS TRIQ IL-MALL

22.12.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għall-bicycle racks li kien applika għalihom il-Kunsill.

22.12.2. Huwa kompla billi informa lill-Kunsill li dawn kienu qed jitwaħħlu ftit ftit. Huwa qal li kien ser jitlob li jkun hemm rappreżentant tal-Kunsill huma u jitwaħħlu.

22.12.3. Is-SE fakkar li dawn għandhom jitwaħħlu fit-tali żoni: Triq il-Mall, ħdejn iċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u fi Triq Vincenzo Dimech

## 22.13 St. Patrick's (Sun)Day

22.13.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kien enfasizza li jrid isir sforz qawwi biex jinġiebu sponsorships ħalli l-ispiża ma tkunx assorbita kollha mill-Kunsill.

22.13.2. Huwa kompla billi ressaq lista ta' nies proposti għall-membri tas-sottokumitat ta' din l-attività: Annalise Camilleri, Omar Aquilina, Kenny Roberts, Publio Stefan Tonna u Chris Brincat. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u approva dawn il-membri.

22.13.3. Is-Sindku ippropona li jkun hemm banda tradizzjonali matul din l-attività. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

22.13.4. Il-Kunsill qabel li l-edizzjoni li jmiss ta' din l-attività issir nhar il-15 ta' Marzu 2026.

## 22.14 Fanali ornamentali fi Pjazza San Publju

22.14.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għall-fanali ornamentali fi Pjazza San Publju li sfortunatament kienu għadhom neqsin minn fuq il-Fosos.

22.14.2. Huwa qal li kien informat li f'Bormla twaħħlu fanali ornamentali simili.

22.14.3. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li jsir eżerċizzju biex jara liema organizzaturi ta' kunċerti kienu qed jagħmlu użu mill-Fosos meta dawn il-fanali ornamentali tneħħew u l-entitajiet li l-Kunsill diġà kellem. Huwa kompla billi qal li jekk dan l-eżerċizzju ma jirriżulta f'xejn allura għandhom jerġgħu isiru mill-ġdid.

22.14.4. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jagħmel talba lill-Gvern Ċentrali sabiex jirregala lil-lokalità sett ġdid ta' fanali ornamentali.

22.14.5. Il-Viċi Sindku JAE qal li fil-passat kienet inżammet laqgħa mal-Ministru Herrera li kien ippropona li jsiru replika tal-fanali ornamentali eżistenti.

22.14.6. Is-Sindku għamel riferenza għat-tabelli ta' Vjal ir-Re Dwardu VII li tneħħew meta sar il-proġett. Huwa ippropona li dawn jerġgħu isiru flimkien ma' dak li jindika Pjazza San Publju li nqasam dan l-aħħar. Il-Kunsill qabel.

22.14.7. Fuq il-fanali ornamentali, il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-Gvern Ċentrali sabiex dawn jerġgħu isiru.

## 22.15 Reġjun Port – Reġjun tal-Kultura 2026

22.15.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi informa lill-Kunsill li r-Reġjun tal-Port kien intgħażel bħala r-Reġjun tal-Kultura 2025.

22.15.2. Huwa informa li d-direttur artistiku magħżul mir-Reġjun Port huwa s-Sur Joseph Galea u hemm ukoll involuta il-manager tal-kultura, is-Sinjorina Veronica Mercieca.

22.15.3. Is-Sindku qal li fil-11 ta' Jannar ser jingħata bidu għas-sena tar-Reġjun tal-Port fejn f'kull lokalità ser ikun hemm banda li tagħmel marċ ta' madwar siegħa.

22.15.3.1. Huwa qal li wara l-marċ ser tinkixef irħama li timmarka din l-okkażjoni. Huwa qal li kien ippropona li l-irħama ssir mal-ħajt tal-kunsill.

22.15.3.2. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u innota id-data ta' din l-okkażjoni.

## 22.16 LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

22.16.1. Is-Sindku għamel riferenza għal-laqgħa tal-lokalità u qal li l-Kunsill irid jieħu ħsieb jissettja data.

22.16.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-lokalità li jmiss issir nhar il-Erbgħa 7 ta' Jannar 2026 fis-7pm.

## 22.17 PROĠETT TAL-ISQOF MAURO CARUANA

22.17.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għal-proġett ta' Triq l-Isqof Mauro Caruana.

22.17.2. Is-SE informa li l-Perit kien qed jaħdem sabiex joħroġ BOQ aġġornata wara l-laqgħa li kienet inżammet mal-kuntratturi u wara s-suġġerimenti li kienu tressqu mir-residenti.

22.17.3. Is-Sindku talab lill-kunsillier responsabbli mix-xogħolijiet sabiex jagħmel ftit pressjoni biex ikun hemm żvilupp fuq din il-materja.

## 22.18 STATWA TAL-MADONNA BEJN ĠNIEN SIR LUIGI PREZIOSI U ĠNIEN VILHENA

22.18.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi ressaq suġġeriment mingħand xi residenti biex jagħmlu grotta bil-Madonna bejn Ġnien Preziosi u Ġnien Vilhena.

22.18.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 22.19 Il-Kriżi Demografika u Riġenerazzjoni tal-Floriana

22.19.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kienu nżammu diversi laqgħat min-naħa tal-Kunsill u jħoss li issa kien wasal il-mument li ssir konferenza reġjonali a bażi nazzjonali fejn ikunu identifikati l-problemi li qed iwasslu għal din il-kriżi demografika.

22.19.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-konferenza għandha ssir nhar l-24 ta' Jannar 2026.

22.19.3. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien talab stima mingħand il-Mediacoop li tammonta għal €4602 li tinkludi pjanar, programm tal-attività u l-organizzazzjoni ġenerali dakinhar tal-attività. Il-Kunsill approva din l-istima.

## 22.20 Aġġornament tal-laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

22.20.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 13 ta' Jannar 2026 fil-5.15pm.

**Konfermati, illum it-Tlieta 13 ta' Jannar 2026**

| | |
|---|---|
| (iffirmat) | (iffirmat) |
| Nigel Holland<br>Sindku | Malcolm Agius Muscat<br>Segretarju Eżekuttiv |